


**DUN KRYSTOF BUTTIGIEG**

jingħaqad mas-Saċerdoti tal-Parroċċa
u mal-membri tal-Kunsill Parrokkjali
biex jistedinkom

għall-**Quddiesa Solenni tal-Bidu tal-Ministeru Pastorali** tiegħu
bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta’ San Pietru u San Pawl, in-Nadur,
immexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta’ Għawdex,
nhar **is-Sibt 28 ta’ Settembru 2024**, fis-6.00pm.

*Wara, inkomplu naqsmu flimkien il-ferħ tal-okkażjoni*
*maġenb il-Bażilika quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali.*

**AVVIŻ:**

Illum il-Ħadd, 22 ta’ Settembru, fil-kappella ta’ Santa Tereża ta’ Kalkutta ser tiġi ċċelebrata l-festa tagħha b’quddiesa fis-7.30am. Wara jsir riċeviment ċkejken.

Illum il-Ħadd, 22 ta’ Settembru, il-Berġa tax-Xewkija hija miftuħa mit-8.00am sas-1.00pm sabiex wieħed jagħti d-demm. Dawk li jixtiequ jmorru ma jinsewx jieħdu magħhom il-karta tal-identità, il-passaport jew inkella l-liċenzja tas-sewqan. Huwa ssuġġerit li ma jintlibsux ħwejjeġ bi kmiem issikkati.

Għada t-Tnejn 23 ta’ Settembru se ssir il-festa ta’ San Piju tal-Pjagi fil-knisja tal-Kapuċċini. Tibda bir-Rużarju fis-6.15pm u wara jkun hemm Quddiesa.

Nhar il-Ħamis 26 ta’ Settembru, l-Għaqda Dun Franġisk Grima se tipprova torganizza dawra bid-dgħajsa. Tluq fit-8.00am minn ħdejn iċ-Ċentru. Lura f’nofsinhar. Min hu interessat għandu jieħu miegħu packed lunch. F’każ ta’ maltemp se ssir vista lill-Madonna tal-Kunċissjoni. Min hu interessat iċempel fuq 79926341.

**Il-programm tal-quddies għas-Sibt 28 ta’ Settembru:**

Fil-5.00pm quddiesa fil-knisja tal-Qalb ta’ Ġesù (minflok dik fil-Bażilika)
Fis-6.00pm quddiesa tal-Pussess fil-Bażilika (minflok dik tas-7.00pm)